MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1266/2004

**Dingli Co. International Ltd bhala mandatrici tas-socjeta` Estera ta' The Performing Right Society Ltd**

**Vs**

**Tivoli Caterers Co. Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm74.34 (erbgha u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu) dovuti bhala 'Royalties'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Dicembru 2003 u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-30 ta’ Gunju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-27 ta’ Settembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------